MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Numru 843/2013

Il-Pulizija

(Spettur Carol Fabri)

vs

Stephen Borg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 155778m, akkuzat talli:

1. nhar l-24 ta' Awissu 2013 minn gewwa Triq il-Belt Valletta, Qormi, ikkommetta serq ta' licenzja ta' vettura minn go vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa li sar ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara din id-data xjentement xtara jew laqa' ghandu ogetti misruqa u cioe' licenzja ta' vettura mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara din id-data saq vettura numru ta' registrazzjoni AAJ 047 tal-ghamla BMW minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita tat-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq kif ukoll talli ma kinitetx koperta b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-granet ta' wara din id-data sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi document mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tgharif falz billi ghamel uzu min 'road licence no.K141289 registrata fuq vettura bin-numru GBB 373;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer naqas milli jhares l-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) minn diversi digrietri taghha li bih tatil-helsien mill-arrest f'erba okkazjonijiet differenti;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Stephen Borg u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €50,000 bhala depositu u €14,500 bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulate fl-Artikolu 579 (2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tiskwalifika l-licenza tas-sewqan tal-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat ta' serq aggravat u ricettazzjoni ( dan bhala alternattiva ghas-serq). Hu akkuzat ukoll ta' falsifikazzjoni u ksur tal-kundizzjonijiet marbuta mal-helsien mill-arrest u reati konnessi mal-Kap 65 (Artikolu 15(1)(a)) u l-Kap 104 (Artikolu 3 (2)(a)).

Mill-atti processwali anka jekk kellha tigi skartata l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata registrata minnu fil-bidu tal-proceduri (folio 3), u f'ebda stadju rittrattata, l-akkuzi riportati ghandhom jirrisultaw fic-car u dan kemm mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija u kemm mix-xhieda li ta' viva voce quddiem din il-Qorti. Anke fir-rigward tal-akkuza taht l-Arttikolu 579(2) tal-Kap 9 l-ksur tieghu jidher li hu dovut aktar minhabba malintiz da parti tal-imputat milli ghal xi dolo specifiku.

Mill-bqija pero' l-Qorti m'ghandhiex l-icken dubbju li l-akkuzi jirrisultaw kif dedotti minbarra dik tar-ricettazzjoni li hija in alternattiva ghal dik tas-serq.

Ghal dik li hi piena l-Qorti hi tal-fehma, li, almenu f'dan l-istadju, jkun kontroproducenti li l-imputat jinghata piena karcerarja effettiva u stante li mhux akkuzat b'recidiva qeghdha taghzel li tapplika s-sentenza sospiza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A u 28G tal-Kap 9.

Rat l-Artikolu 261(g), 271(g), 188(1), 579(2), 17(b)(h) u 31 tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1)(a) u Kap 104, Artikolu 3(2)(a) tiddeciedi li tikkundannah komplessivament il-piena ta'sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin u tqeghdu taht is-supervizzjoni ta' ufficjal sorveljanti ghall-perjodu operattiv kollu.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-reponsabiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------